**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Gabriella Agius**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 16 ta' Frar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Gabriella Agius** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 82581 (M) billi hija akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, nhar it-2 ta' Awwissu 2016, kif ukoll fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddedt li taghmel xi reat.
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, thedded li takkuza jew li taghmel ilment kontra, jew biex timmalafama lil dik il-persuna jew xi persuni ohra.

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih.
4. Bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Matthew Sammut weggghetu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Semghet lill-avukat difensur fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017 iqajjem l-eccezzjoni li l-imputata tharrket b'mod personali u mhux fil-kapacita' taghha ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Valletta u l-kaz dwar l-ingurja minhabba li sehh bil-mezz ta' stampat l-azzjoni kellha titmexxa skont l-Att dwar l-Istampa u mhux permezz tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ddiferit il-kawza ghal-llum biex tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet imqajjma.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Qorti qabel tghaddi biex tevalwa u tiddeciedi dwar il-mertu tal-kaz tirrileva li kif hi dedotta l-akkuza l-imputata qieghda tkun mixli b'agir personali u mhux b'wiehed li jekk wettqitu ghamlitu fil-kapacita' taghha tal-kariga li tokkupa bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Barra minn hekk il-kwerelant kellu iharres dak li jipprovdi Artikolu 27 tal-Kap 363 l-Att dwar il-Kunsilli Lokali li jipprovdi:

> *"Ir-rapprezentanza legali u guridika tal-Kunsill tkun vestita fis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ez ekuttiv li jistgħu jħarrku u jkunu mħarrka f'isem il-Kunsill ukoll meta l-kaz jirreferi għal atti magħmula qabel iz-zmien tal-kariga jew ħatra tagħhom skont il-kaz ."*

F'dan il-kaz ma sarx hekk u allura l-Qorti tiddikjara minnufih li dan il-process huwa wiehed monk ghaliex kif tharrket l-imputata mhux skond dak li jipprovdi Artikolu 27 tal-Kap 363 fejn jekk il-kwerelant hassu aggravat u ried jiehdu azzjoni kontra l- Kunsill Lokali, kellu jaghmel dan billi jharrek lil min ghandu rrapprezentanza legali u guridika tal-Kunsill.

Illi l-imputata tinsab akkuzata li ingurjat Matthew Sammut fuq is-sit elettroniku Facebook b'dak li kitbet f'pagna tal-istess Facebook tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Illi l-imputata tinsab akkuzata taht l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

L-akkuza fil-konfront tagha kellha tkun taht il-Kap 248 ossia l-Att dwar l-Istampa u dan billi hija akkuzata li ngurjat lil Matthew Sammut permezz tal-kitba taghha fuq pagna ta' facebook.

Illi ghalhekk jehtieg li ssir referenza ghal diversi artikoli tal-ligi li huma relevanti. L-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9 jipprovdu:

> "**252.** *(1) Kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jeħel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*
>
> *(3) Jekk l-ingurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-hati jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena."*

Referenza trid issir ukoll ghall-artikolu 256 tal-Kodici Kriminali li jistipula:

> "**256.** *(1) Fil-kazijiet ta' ingurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, ighoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa."*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Vella** deciza fit-30 ta'April 2001 jinghad:

> *"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('with the object of destroying or damaging the reputation of any person', fit-test Ingliz). .."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**[1] gie ritenut:

> *"Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, sejra tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et*** *deciza fl-20 ta' Jannar 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91). F'dak il-kaz, l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-Press Act. Hemm il-kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kinitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l-argument u qalet hekk:*
>
> *"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar 'stampat b'tipi tipografici" ('printed in typographical characters', fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku ('composing type and printing from it', Collins English Dictionary, 'v. typography'), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal, per ezempju, phototypesetting, l-uzu ta' typewriter, l-uzu ta' printer tal-kompjuter, diversi forom ta' offset printing) hu rrelevanti.*
>
> *Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248. Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet* ***Dr. Joseph M.Ciappara vs Joseph Zammit*** *u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-typewriter, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-*

[1] Appell Kriminali deciz fit-22 ta' Settembru, 2010

*Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet* ***Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs Publio Schembri****);*

*Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser:*

*'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra';*

*L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet 'komunikazzjoni ufficjali ta' natura privata' mibghuta minnhom lill-kap tal-Gvern u li ma kinitx ghall-finijiet ta' jekk hemmx 'pubblikazzjoni' fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda. Ghalhekk fetahx l-ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-segretarjat tieghu hi ukoll konsiderazzjoni rrelevanti galadarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jigu attribwiti lill-Prim Ministru."*

Illi ghalhekk il-punt li jrid jigi determinat huwa jekk il-kitba li allegatament saret mill-imputata fuq is-sit socjali ta' Facebook fil-pagna tal-Kunsill Lokali Valletta jikkwalifikax bhala stampat u ghalhekk ghandu japplika l-Att ta' l-Istampa. Fil-fehma tal-Qorti r-risposta ghal tali kwezit ,anki in vista tal-gurisprudenza fuq citata, hija fl-affermattiv. M'hemmx dubju li dak li nkiteb fuq din il-pagna partikolari tas-sit socjali jista' jigi stampat u dan huwa evidenti mill-fatt li fl-atti nsibu proprju l-kitba li saret f'din il-pagna tas-sit socjali li giet stampata u ezebita. M'hemmx dubju wkoll li tali kitba giet imxandra u giet komunikata lil diversi persuni.

Din il-konkluzjoni raggunta mill-Qorti hija wkoll imsahha mill-fatt li jezistu diversi sentenzi li minnhom jirrizulta li *emails*, *blogs* u anki kummenti fuq is-sit socjali Facebook huma regolati bil-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux mill-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Richard Cachia Caruana vs Joseph Grima**[2].

Ghaldaqstant jirrizulta li l-ligi idonea f'dan il-kaz hija l-Att dwar l-Istampa u mhux il-Kodici Kriminali. L-imputata giet akkuzata taht l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali u kwindi din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li ma ssibx htija.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet imqajjma mid-difiza u tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[2] Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza fis-17 ta' Marzu 2014